

- 3) L-interpretazzjoni mogħtija mill-qorti tal-appell, li l-Artikoli 15 u 17 tad-Digriet Leġiżlattiv 36/2003 japplikaw għal-landfills eżistenti li għandhom digġà awtorizzazzjoni ta' operat, anki fdak li jikkonċerna l-oneri finanzjarji li jirriżultaw mill-obbligli li huma hekk imposti fuqhom u, b'mod partikolari, l-estensjoni minn għaxra sa tletin sena tal-perijodu ta' manutenzjoni tas-sit wara li ma jibqax operattiv, billi dawn l-oneri jkollu jbatihom id-“detentur” u billi tiġi vvalidata b'dan il-mod iż-żieda għal dan tal-aħħar tat-tariffi previsti fil-kuntratti li jirregolaw l-attività ta' eliminazzjoni tal-iskart, hija konformi mal-Artikoli 10 u 14 tad-Direttiva 1999/31?
- 4) Fl-aħħar nett, l-interpretazzjoni fis-sens li l-Artikoli 15 u 17 tad-Digriet Leġiżlattiv 36/2003 japplikaw għal-landfills eżistenti li għandhom digġà awtorizzazzjoni ta' operat, anki fdak li jikkonċerna l-oneri finanzjarji li jirriżultaw mill-obbligli li huma hekk imposti fuqhom u, b'mod partikolari, l-estensjoni minn għaxra sa tletin sena tal-perijodu ta' manutenzjoni tas-sit wara li ma jibqax operattiv, interpretazzjoni li l-qorti tal-appell tat meta qieset li l-oneri għandhom jiġu ddeterminati billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss l-iskart li għandhom jirċievu mid-dħul fis-seħħ tal-miżuri ta' traspożizzjoni, iżda wkoll skart li jkun digġà ġie rċevut, hija konformi mal-Artikoli 10 u 14 tad-Direttiva 1999/31?

(¹) Direttiva tal-Kunsill 93/31/EHS tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar stands ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitulu 7, Vol. 2, p. 67).

**Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Krakowie (il-Polonja) fit-2 ta' Jannar 2019 —
VL vs Szpital Kliniczny im. dra J. Babińskiego Samodzielnny Publiczny Zakład Opieki Zdrowotnej w
Krakowie**

(Kawża C-16/19)

(2019/C 164/11)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinvju

Sąd Okręgowy w Krakowie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: VL

Konvenut: Szpital Kliniczny im. dra J. Babińskiego Samodzielnny Publiczny Zakład Opieki Zdrowotnej w Krakowie

Domanda preliminari

L-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impieg u fix-xogħol (¹) għandu jiġi interpretat fis-sens li t-trattament differenti ta' membri individuali ta' grupp iddistingwit permezz ta' karakteristika protetta (diżabbiltà) jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jekk il-

persuna li timpjega tittratta membri individwali ta' dak il-grupp b'mod differenti abbażi ta' kriterju apparentement newtrali, u dan il-kriterju ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat oġġettivament b'għan leġitimu, u jekk il-miżuri meħuda sabiex jintlaħaq dan l-ġħan ma jkunux xierqa u meħtieġa?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okregowy w Poznaniu (il-Polonja) fil-15 ta' Jannar 2019 —
Corporis Sp. z o.o., stabbilita f'Bielsko-Biała vs Gefion Insurance A/S, stabbilita f'Kopenhagen**

(Kawża C-25/19)

(2019/C 164/12)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Okręgowy w Poznaniu

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Corporis Sp. z o.o., stabbilita f'Bielsko-Biała

Konvenuta: Gefion Insurance A/S, stabbilita f'Kopenhagen

Domanda preliminari

L-Artikolu 152(1) u (2) tad-Direttiva 2009/138/KE (¹), moqrī flimkien mal-Artikolu 151 ta' din l-istess direttiva u l-premessa 8 tar-Regolament Nru 1393/2007 (²), għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rappreżentanza ta' imprija tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja mir-rappreżentant maħtut tinkludi r-riċezzjoni ta' att promotur għal danni rigward inċident tat-traffiku?

(¹) Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvabilità II)) (ĠU 2009, L 335, p. 1, rettifikasi fil-ĠU 2016, L 262, p. 34, fil-ĠU 2014, L 219, p. 66).

(²) Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 (ĠU 2007, L 324, p. 79, rettifikasi fil-ĠU 2015, L 68, p. 91).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione tributaria provinciale di Modena (l-Italja) fil-15 ta' Jannar 2019 — Azienda USL di Modena vs Comune di Sassuolo

(Kawża C-26/19)

(2019/C 164/13)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Commissione tributaria provinciale di Modena